

II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-30 ta' Mejju 2007

**dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tar-
Repubblika Kirgiża dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru**

(2007/470/KE)

IL-KUNSILL ta' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattati li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80(2), flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2),

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni fil-5 ta' Ġunju ta' l-2003 tiftaħ in-negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju;
- (2) Il-Kummissjoni nnegozjat fisem il-Komunità Ftehim mar-
Repubblika Kirgiża dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru fi qbil mal-mekkaniżmi u d-Direttivi fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju;
- (3) Suġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu f'data aktar 'il quddiem, il-Ftehim negozjat mill-Kummissjoni għandu jiġi ffirmat u applikat provviżorjament.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Kirgiża dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru huwa hawnhekk

approvat fisem il-Komunità, soġġett għad-Deċiżjoni tal-Kunsill rigward il-konklużjoni ta' dan il-Ftehim.

It-test tal-Ftehim huwa meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Suġġett għal l-konklużjoni tiegħu f'data aktar 'il quddiem, il-President tal-Kunsill b'dan qed jiġi awtorizzat jinnomina l-persuna jew il-persuni bis-setgħa li tiffirma/jiffirmaw il-Ftehim fisem il-Komunità.

Artikolu 3

Sakemm jidħol fis-seħħ, dan il-Ftehim għandu japplika provviżorjament mill-ewwel jum tax-xahar wara d-data li fiha l-Partijiet innotifikaw lil xulxin dwar it-tlestija tal-proċeduri neċessarji għal dan il-għan.

Artikolu 4

Il-President tal-Kunsill huwa permezz ta' dan awtorizzat li jagħmel in-notifika prevista fl-Artikolu 9(2) tal-Ftehim.

Magħmul fi Brussell, 30 ta' Mejju 2007.

Għall-Kunsill

Il-President

F. MÜNTEFERING